MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Mandat Numru. 396/2012/1

**Fl-Atti tar-Rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Numru 396/2012 JZM fl-ismijiet :**

**Timothy Fenech (ID Nru. 55275M)**

***kontra***

**Paul Falzon (154364M) bin Francis u Rita nee` Vella imwieled Pieta` u residenti Mosta**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-23 ta` Marzu 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u debitament konfermati bil-gurament mir-rikorrent, huwa talab lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew

jiddisponi *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu il-propjeta` li gejja –

*i) il-flat internament immarkat bin-numru tlieta (3), il-flat internament immarkat bin-numru erbgha (4) u "penthouse" internament immarkata bin-numru hamsa (5) inkluza l-arja sovrastanti, ilkoll formanti parti minn block ta` appartamenti bla numru ufficjali pero` bl-isem "Eastbourne", fi Blacktail Street, Bugibba, fil-limiti ta` San Pawl il-Bahar. Dan il-blokk hu mibni fuq plot formanti parti mill-artijiet maghrufa bhala "Ta` Wicc l-Abjad" in kuntrada "Tal-Erbgha Imwizeb" u jikkonfina mit-Tramuntana mat-triq imsemmija, mill- Punent ma` propjeta` ta` Carmelo Borg jew l-aventi kawza tieghu, u mil-Lvant ma` propjeta` ta` Joseph Borg Muscat jew l-aventi kawza minnu, kif soggetti ghar-rata taghhom mis-subcens annwu u perpetwu u revedibbli ta` mija u sittax –il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ; u*

*ii) il-hanut gia "garage" bin-numru mhux ufficjali hamsa (5) jismu "Bargain Prices", sottopost ghal beni tal-kumpannija Saveway Limited jew l-aventi kawza taghha, liema hanut jinsab fi Triq it-Turisti, Bugibba, limiti ta` San Pawl il-Bahar, soggett ghall-passagg ta` katusi favur il-fondi sovraposti konfinanti mill-Punent mat-triq precitata u rjieh ohra kollha ma` beni ta` Saveway Limited jew aventi causa, jew irjieh aktar precizi u verjuri, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi tieghu kollha.*

Rat id-digriet taghha tat-23 ta` Marzu 2012 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat bi zmien ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-3 ta` April 2012 fid-9.15 a.m.

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Rat illi l-intimat kien notifikat skond l-Art.187(3) tal-Kap.12 pero` ma pprezentax risposta.  U lanqas deher meta ssejjah fl-udjenza tat-2 ta` Ottubru 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-2 ta` Ottubru 2012 fejn halliet ir-rikors ghad-digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat** :

Ir-rikorrent ressaq it-talba tieghu skond l-**Art. 874 tal-Kap. 12**.

Ir-rikorrent ikkonferma bil-gurament tieghu n-natura tal-allegat kreditu kontra l-intimat.

Jirrizulta li l-allegat kreditu tar-rikorrent jeccedi fiz-zgur l-ammont indikat fl-Art.874(1) tal-Kap.12.

Din il-Qorti tghid illi huma sodisfatti r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-mandat skond l-Art.874 tal-Kap.12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda –**

**1) Tilqa` t-talba tar-rikorrent.**

**2) Tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex la jbiegh, la jnehhi, la jittrasferixxi u lanqas ma jiddisponi sew inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu :**

**i) il-flat internament immarkat bin-numru tlieta (3), il-flat internament immarkat bin-numru erbgha (4) u “penthouse” internament immarkata bin-numru hamsa (5) inkluza l-arja sovrastanti, ilkoll formanti parti minn block ta` appartamenti bla numru ufficjali pero` bl-isem “Eastbourne”, fi Blacktail Street, Bugibba, fil-limiti ta` San Pawl il-Bahar. Dan il-blokk hu mibni fuq plot formanti parti mill-artijiet maghrufa bhala “Ta` Wicc l-Abjad” in kuntrada “Tal-Erbgha lmwizeb” u jikkonfina mit-Tramuntana mat-triq imsemmija, mill-Punent ma` propjeta` ta` Carmelo Borg jew l-aventi kawza tieghu, u mil-Lvant ma` propjeta` ta` Joseph Borg Muscat jew l-aventi kawza minnu, kif soggetti ghar-rata taghhom mis-subcens annwu u perpetwu u revedibbli ta` mija u sittax–il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ; u**

**ii) il-hanut gia “garage” bin-numru mhux ufficjali hamsa (5) jismu “Bargain Prices”, sottopost ghal beni tal-kumpannija Saveway Limited jew l-aventi kawza taghha, liema hanut jinsab fi Triq it-Turisti, Bugibba, limiti ta` San Pawl il-Bahar, soggett ghall-passagg ta` katusi favur il-fondi sovraposti konfinanti mill-Punent mat-triq precitata u rjieh ohra kollha ma` beni ta` Saveway Limited jew aventi causa, jew irjieh aktar precizi u verjuri, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi tieghu kollha.**

**3) Ghall-fini tal-Art. 874(3) tal-Kap. 12, tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, ghas-spejjez tar- rikorrent, tinnotifika dan il-Mandat ta` Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta` l-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzomm ghal daqshekk.**

**4) Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------